



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0426(COD)

16322/22
ADD 3

DROIPEN 172
COPEN 466
JAI 1742
FREMP 283
SOC 703
CODEC 2110

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 426 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2022) 426 final.

Mehmuż: SWD(2022) 426 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.12.2022
SWD(2022) 426 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu

{COM(2022) 732 final} - {SEC(2022) 445 final} - {SWD(2022) 425 final} -
{SWD(2022) 427 final} - {SWD(2022) 428 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar l-emenda tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?
It-traffikar tal-bnedmin jikkostitwixxi attività ewlenija ta' kriminalità serja u organizzata fl-UE u li mistennija tibqa' theddida għall-futur prevedibbli. Filwaqt li d-Direttiva Kontra t-Traffikar (id-Direttiva 2011/36/UE) ipprovdiet kontribut għall-ħolqien ta' bażi komuni tal-UE għall-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi, għad hemm għadd ta' kwistjonijiet, b'mod partikolari: • It-traffikar tal-bnedmin qed ikompli jirnexxi fl-UE minkejja l-isforzi fil-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tar-reat, kif ukoll l-identifikazzjoni tal-vittmi tiegħu fi stadju bikri. Barra minn hekk, il-ġbir tad-data u l-monitoraġġ tat-tendenzi ma jirriflettux l-iskala sħiħa tat-traffikar tal-bnedmin fl-UE. • In-numri ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni huma baxxi, u dan iwassal għall-impunità tat-traffikanti. Id-Direttiva tonqos milli tindirizza xi tħassib ewlieni li tfaċċa u żdied mill-adozzjoni tagħha 'l hawn, inklużi forum ġodda ta' sfruttament u l-użu tat-teknoloġija biex jiġi ffaċilitat ir-reat. L-interpretazzjoni tar-reati tat-traffikar u l-isfruttament jistgħu jvarjaw fost l-Istati Membri, u dan jirriżulta fi sfidi fil-kooperazzjoni transfruntiera u biex jiġi pprovat ir-reat. Barra minn hekk, il-persuni ġuridiċi mhumix miżmuma responsabbli biżżejjed għat-traffikar tal-bnedmin, li jikkontribwixxi għall-kultura ta' impunità. • Il-vittmi mhux dejjem jirċievu livell adegwat ta' assistenza, appoġġ u protezzjoni adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Il-prinċipji ta' nonprosekuzzjoni u nuqqas ta' kkastigar tal-vittmi għall-involvement tagħhom f'attivitajiet kriminali, id-drittijiet tal-vittmi għal kumpens u l-miżuri ta' protezzjoni tal-vittmi mhumix implimentati b'mod konsistenti fl-Istati Membri. Il-mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali u transnazzjonali eżistenti mhumix kompletament effettivi, li jista' jfixxkel l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi u li jintbagħtu għall-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni. • Id-domanda li trawwem it-traffikar tal-bnedmin għadha għolja fl-UE, li tista' tkun dovuta għall-fatt li l-kriminalizzazzjoni tal-użu tas-servizzi mill-vittmi mhijiex konsistenti madwar l-Istati Membri u li l-approċċi għat-tnaqqis tad-domanda mhumix implimentati b'mod wiesa'.
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
Din l-inizjattiva għandha l-għan li ssaħħaħ il-qafas legali tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin. Sabiex dan l-oġġettiv ġenerali jintlaħaq, l-inizjattiva tistabbilixxi erba' oġġettivi speċifiċi: • L-iżgurar ta' prevenzjoni adegwata, detezzjoni u titjib tal-monitoraġġ tat-traffikar tal-bnedmin fil-livell tal-UE billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati kollha li x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' vittmi (potenzjali) biex jagħrfu s-sinjali tar-reat, kif ukoll billi jiżdied l-għarfien dwar il-fenomeni u x-xejriet tiegħu. • It-tisħiħ tar-rispons tal-ġustizzja kriminali għar-reat, inkluż fil-kuntest transfruntier, sabiex tittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji biex jiġġieldu l-kriminalità u jadattaw għall-<i>modi operandi</i> l-ġodda u l-mudell kummerċjali tat-traffikanti, u jindirizzaw it-theddid emerġenti. • L-iżgurar li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jirċievu assistenza, appoġġ u protezzjoni adegwati fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-mekkaniżmi ta' identifikazzjoni bikrija u ta' riferiment, inkluż fil-kuntest transfruntier. • It-tnaqqis tad-domanda għas-servizzi sfruttati tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li jrawmu t-traffikar għall-forom kollha ta' sfruttament mit-tisħiħ tar-rispons kriminali għall-użu ta' servizzi sfruttati għat-tisħiħ tal-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ.
X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?
It-traffikar tal-bnedmin huwa reat transfruntier, li jaffettwa lill-Istati Membri kollha. Għandu kemm dimensjoni transfruntiera intra-UE kif ukoll dimensjoni interna li tinvolvi l-qsim tal-fruntieri esterni tal-UE. Il-kooperazzjoni fl-UE kollha hija kruċjali biex tiġi indirizzata d-dimensjoni transfruntiera fir-rigward tal-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità, kif ukoll biex jiġi żgurat li l-vittmi jiġu identifikati u jirċievu assistenza, appoġġ u protezzjoni adegwati. Ir-rilevanza akbar tad-dimensjoni online tar-reat tkompli tiġġustifika azzjoni ġdida fil-livell tal-UE, peress li tagħti lit-traffikanti aktar opportunitajiet biex jirreklutaw, jikkontrollaw, jittrasportaw u jisfruttaw il-vittmi, kif ukoll iċaqilqu l-profitti u jilħqu lill-utenti kullimkien fl-UE u barra minnha mingħajr ma jaqsmu l-ebda fruntiera. L-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati huma konxji sew li l-għieda kontra t-traffikar teħtieġ azzjoni fil-livell tal-UE.
B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

L-għażla ta' politika 1 tiffoka fuq miżuri mhux leġiżlattivi.

L-għażla ta' politika 2 fiha biss miżuri leġiżlattivi, li jinvolve emendi għad-Direttiva. Għal xi wħud mill-miżuri leġiżlattivi taħt **L-għażla ta' politika 2** ġew ivvalutati diversi subgħażliet.

L-għażla ta' politika 3 hija taħlita ta' miżuri mhux leġiżlattivi ppreżentati fl-għażla ta' politika 1 u xi wħud mill-miżuri leġiżlattivi proposti fl-għażla ta' politika 2.

L-għażla ta' politika 3 hi l-għażla ppreferuta. Din taqdi l-oġettivi orizzontali u speċifiċi identifikati:

- **Oġettivi orizzontali 1: L-iżgurar ta' prevenzjoni adegwata, detezzjoni u titjib tal-monitoraġġ tat-traffikar tal-bnedmin fil-livell tal-UE:**
 - L-istabbiliment ta' Ċentru ta' Għarfien u Kompetenzi dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin li, fost l-oħrajn, jappoġġa l-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-ġbir tad-*data* dwar it-traffikar tal-bnedmin fl-UE u l-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni kontra t-traffikar (*miżura mhux leġiżlattiva*).
 - L-introduzzjoni ta' obbligu fid-Direttiva għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrappurtaw *data* dwar it-traffikar tal-bnedmin lill-Kummissjoni kull sena, inkluż billi jispeċifikaw l-indikaturi għal tali ġbir ta' *data* (*miżura leġiżlattiva*).
- **Oġettiv speċifiku 2: It-tisħiħ tar-rispons tal-ġustizzja kriminali għar-reat, inkluż fil-kuntest transfruntier:**
 - L-iżgurar li d-dimensjoni online titqies għal kull element tar-reat fid-Direttiva (*miżura leġiżlattiva*).
 - It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-kumpaniji tal-internet fi ħdan il-Forum tal-UE dwar l-Internet (*miżura mhux leġiżlattiva*).
 - L-inklużjoni taż-żwieġ furzat u l-adozzjoni illegali fil-lista tal-forom ta' sfruttament (*miżura leġiżlattiva*).
 - L-iżgurar li persuni ġuridiċi jistgħu jiġu soġġetti għal xi wħud mis-sanzjonijiet, li bħalissa l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jittrasponu, għar-reati ta' traffikar standard wara kundanna mill-qorti u għas-sanzjonijiet l-oħra meta r-reat jitwettagħ b'ċirkostanza aggravanti (*miżura leġiżlattiva*).
 - It-twaqqif ta' Grupp Fokus ta' prosekuturi speċjalizzati kontra t-traffikar tal-bnedmin (*miżura mhux leġiżlattiva*).
- **Oġettiv speċifiku 3: L-iżgurar li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jirċievu assistenza, appoġġ u protezzjoni adegwata fl-Istati Membri kollha:**
 - L-Istati Membri jintalbu jistabbilixxu Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment formali u joħolqu punti fokali nazzjonali biex jilqgħu l-vittmi (*miżura leġiżlattiva*).
 - L-iżvilupp ta' linji gwida dwar ir-reqwiziti u l-istandards minimi għall-Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment u t-twaqqif ta' Mekkaniżmu Ewropew ta' Riferiment fi ħdan il-qafas taċ-Ċentru ta' Għarfien u Kompetenzi (*miżura mhux leġiżlattiva*).
- **Oġettiv speċifiku 4: It-tnaqqis tad-domanda għas-servizzi sfruttati tal-vittmi li jrawmu t-traffikar għall-forom kollha ta' sfruttament:**
 - Il-ħtieġa li l-Istati Membri jikkriminalizzaw l-użu konxju ta' servizzi minn vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għall-forom kollha ta' sfruttament (*miżura leġiżlattiva*).
 - L-organizzazzjoni ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni fl-UE kollha, bl-għan li tiskoraġġixxi d-domanda li trawwem it-traffikar fi ħdan il-qafas taċ-Ċentru ta' Għarfien u Kompetenzi (*miżura mhux leġiżlattiva*).

Liema għażla u min jappoġġaha?

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni **tivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kontra t-Traffikar u tressaq proposti biex tirvediha**. Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati, inkluż permezz ta' konsultazzjoni pubblika u laqgħat tan-Network tal-UE ta' relaturi nazzjonali u mekkaniżmi ekwivalenti u l-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin. Il-Kummissjoni qagħdet ukoll fuq il-konsultazzjonijiet imwettqa minn kuntrattur estern ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri, Aġenziji tal-UE, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll rappreżentanti tas-settur privat u organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati kienu favur il-miżuri differenti proposti bħala parti mill-għażla ppreferuta. Fir-riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni **temenda d-Direttiva bil-ħsieb li tiżgura li l-Istati Membri kollha jikkriminalizzaw l-użu konxju ta' servizzi mill-vittmi tat-traffikar**. Il-partijiet ikkonċernati huma aktar diviżi dwar din il-bidla leġiżlattiva, għalkemm kważi żewġ terzi ta' dawk li wiegħu għall-konsultazzjoni pubblika kienu favuriha. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati bħala parti mill-istudji tal-każijiet u mill-intervisti mmirati dwar l-għażliet ta' politika kienu favuriha. Din is-subgħażla titqies bħala dik bl-ogħla possibbiltà li jintlaħaq kunsens fost is-subgħażliet kollha possibbli relatati mal-kriminalizzazzjoni tal-użu tas-servizzi.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-għażla ppreferuta għandha l-għan li **ttejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri li jiġġieldu l-kriminalità b'mod effiċjenti, b'mod partikolari fir-rigward tat-theddid u x-xejriet li tfaċċaw u evolvew f'dawn l-aħħar snin**. Regoli komuni u armonizzati ġodda applikabbli għall-Istati Membri huma mistennija li **jtejbu l-kooperazzjoni transfruntiera, kemm f'termini ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet, kif ukoll f'termini ta'**

assistenza u appoġġ għall-vittmi. Il-miżuri mhux leġiżlattivi se jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri fl-adattament tal-leġiżlazzjoni tagħhom u fl-implimentazzjoni ulterjuri tad-Direttiva, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (2021–2025).
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? L-għażla ppreferuta għandha piż limitat fuq l-Istati Membri, li jagħmel tajjeb għalih l-impatt pożittiv tal-miżuri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar, u l-protezzjoni tal-vittmi. L-għażla ppreferuta tikkonsisti l-aktar fit-titjib tad-dispożizzjonijiet eżistenti aktar milli fil-ħolqien ta' obbligi ġodda. L-obbligu li jiġi kriminalizzat l-użu konxju ta' servizzi minn vittmi tat-traffikar joħloq prinċipalment piż regolatorju fuq l-Istati Membri li għadhom ma ttrasponewx din il-miżura jew miżuri oħra li jmorru lil hinn. Il-maġġoranza tal-Istati Membri diġà għandhom leġiżlazzjoni korrispondenti fis-seħħ, għall-inqas għall-isfruttament sesswali. Ir-rekwiżit li jiġu stabbiliti Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment jinvolti wkoll xi piż regolatorju u amministrattiv fuq l-Istati Membri. Madankollu, mhuwiex kompletament obbligu ġdid, peress li skont id-Direttiva attwali, l-Istati Membri diġà kellhom jistabbilixxu mekkaniżmi mmirati lejn l-identifikazzjoni bikrija, l-assistenza u l-appoġġ tal-vittmi u l-Istati Membri kollha ħlief wieħed diġà stabbilew mekkaniżmu ta' riferiment formali jew informali. Għalhekk, il-passi meħtieġa biex jiġu formalizzati l-proċeduri għall-identifikazzjoni u r-riferiment tal-vittmi huma mistennija li jkunu żgħar.
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi? L-għażla ta' politika ppreferuta ma timponi l-ebda obbligu fuq in-negozji u għalhekk ma taffettwahomx direttament, minbarra l-fatt li xi miżuri mhux leġiżlattivi jkunu jeħtieġu l-involvement volontarju tagħhom. Persuni ġuridiċi jistgħu jkunu soġġetti għal pieni b'impatt ekonomiku, bħall-għeluq temporanju tal-istabbiliment tagħhom, iżda dan biss wara kundanna għal reat ta' traffikar imwettaq għall-benefiċċju tagħhom. Din il-miżura tikkontribwixxi biex tiġi żgurata ekonomija aktar ġusta fejn il-kriminalità ma trendix u l-kumpaniji li jaġixxu skont ir-regoli jibbenefikaw minn tnaqqis fil-kompetenza żleali min-negozji li jużaw ix-xogħol furzat. Filwaqt li l-Kummissjoni trawwem il-kooperazzjoni mal-industrija tat-teknoloġija u tal-internet, kwalunkwe obbligu regolatorju marbut mar-responsabbiltà tal-pjattaformi online u tal-fornituri tas-servizzi li jidentifikaw, jimmonitorjaw u jneħħu kontenut relatat mat-traffikar tal-bnedmin ikun kopert minn strumenti legali oħra eżistenti jew li dalwaqt jiġu adottati.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? Kif deskritt hawn fuq, l-għażla ppreferuta jkollha impatt limitat fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali, li fil-biċċa l-kbira jkollhom jaġġustaw il-leġiżlazzjoni tagħhom għad-dispożizzjonijiet il-ġodda jew riveduti tad-Direttiva, meta ma jkunx diġà għamlu dan. Uħud mill-miżuri leġiżlattivi, li huma parti mill-għażla ppreferuta, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-kriminalizzazzjoni, huma mistennija wkoll li jirriżultaw f'għadd akbar ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni. Madankollu, livell ogħla ta' armonizzazzjoni tar-regoli tal-UE jikkontribwixxi għat-titjib tas-sitwazzjoni dwar it-traffikar tal-bnedmin fl-UE u għaż-żieda fil-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji biex jipprevjenu u jġiġieldu t-traffikar tal-bnedmin, biex jiproteġu l-vittmi tiegħu u biex inaqqsu d-domanda li trawwem ir-reat.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? L-għażla ppreferuta se ssaħħaħ il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin billi tfixxkel il-mudell kriminali tat-traffikanti u se tnaqqas il-probabbiltà li n-nies jiġu sfruttati, u b'hekk se jkollha impatt pożittiv fuq is-soċjetà, id-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u s-sigurtà fl-UE.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika? L-evalwazzjoni tad-Direttiva riveduta jenħtieġ li titwettaq, fil-prinċipju mhux qabel 5 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni biex jiġi żgurat li jkun hemm perjodu twil biżżejjed biex jiġu evalwati l-effetti tal-inizjattiva wara li tkun ġiet trasposta bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha. B'mod partikolari, id-Direttiva riveduta tkun tinkludi dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tar-regoli li jikkriminalizzaw l-użu konxju tas-servizzi sfruttati billi tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill 5 snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni. Sadanittant, il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja u tevalwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva fil-kuntest tar-rapportar li l-Kummissjoni twettaq kull sentejn dwar il-progress li jkun sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.